Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 176/1989/1

**Seduta ta' nhar-il Gimgha 24 ta' Ottubru 2003**

**Numru**

**Citaz. Nru. 176/89DS**

**Anthony Saliba, u b'digriet tas-26 ta' Settembru 2001, stante l-mewt ta' Anthony Saliba fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Thelma Gera, Sandra Martin, Una Calleja u Clive Saliba**

**vs**

**Chev. Alfred Delia f'ismu proprio u l-istess Chev. Alfred Delia bhala President tal-ghaqda "Centru Speranza fl-Inkapacitati", Carmelo Penza bhala segretarju u Joseph Briffa bhala vici-president tal-istess ghaqda, ilkoll in rappresentanza tal-istess ghaqda, u l-Perit Joseph Agius Bonello, u b'digriet tal-15 ta' Mejju 1989 gie kjamat fil-kawza Emanuel Micallef**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Frar 1989 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur huwa proprjetarju tal-fond numru 130, Valley Road, B'Kara, li huwa adjacenti ghal fond numru 131, Valley Road, B'Kara, proprjeta tal-ghaqda "Centru Speranza fl-Inkapacitati";

Illi l-imsemmija ghaqda kienet ordnat xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond taghha inkluz hajt tal-appogg mibni fuq sular ghola mill-fond tal-attur;

Illi fit-8 ta' Dicembru, 1988, l-imsemmi hajt waqa ghal fuq il-fond tal-attur u saret hsara konsiderevoli kemm lill-bini kif ukoll fl-ghamara li kienet fil-fond, kif jidher mir-rapport peritali u elenku hawn annessi u mmarkati "A" u "B";

Illi ta' dawna d-danni huma responsabbli il-konvenuti jew min minnhom billi x-xogholijiet ta' kostruzzjoni gew ordnati mill-konvenut Chev. Alfred Delia pro et noe u saru taht id-direzzjoni tal-Perit Joseph Agius Bonello, kif ukolll minhabba htija taghhom, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew hsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjarahom responsabbli kif intqal ghall-hsarat sofferti milli-attur fl-incident tat- 8 ta' Dicembru, 1988;

2. Jigu likwidati d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi incident; u

3. Tikkundannhom ihallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi l-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru, u tat-30 ta' Dicembru, 1988, u tal-Mandati ta' Qbid u ta' Impediment ta' partenza ippresentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Chev. Alfred Delia proprio et nomine fejn qal:
1. Illi d-domandi attrici in kwantu huma diretti kontra l-esponenti personalment ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante li personalment, apparte fondatur u benefattur tac-Centru Speranza fl-Inkapacitati, huwa ma ghandu x'jaqsam xejn mieghu;

2. Illi in kwantu t-talbiet attrici huma diretti kontra l-istess Centru Speranza fl-Inkapacitati, huwa minnu illi l-istess Centru ordna x-xogholijiet ta' kostruzzjoni u ghal dan il-ghan tqabbdu haddiema tas-sengha u perit arkitett u x-xoghol kien qed jigi esegwit minnhom skond is-sengha u l-arti. Fit-8 ta' Dicembru, 1988 faqqghet fuq Malta maltempata li ftit rajna bhala qabel u kwindi dak li gara huwa ghal kollox indipendenti mir-rieda tal-esponenti u kwindi l-esponenti ma jistghux jigu tenuti responsabbli ghal ebda danni;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Perit Joseph Agius Bonello fejn qal:

1. Illi huwa ma kienx inkarigat mis-supervizjoni u direzzjoni tax-xogholijiet ta' kostruzzjoni li saru fil-fond 131, Valley Road, B'Kara u lanqas ma inghatalu ebda permess mill-awtoritajiet kompetenti biex jiehu hsieb l-istess xogholijiet;

2. Illi ghalhekk huwa ma jistax jigi tenut responsabbli ghad-danni li qed jilmenta minnhom l-attur u t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrih;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Emanuel Micallef fejn qal:

1. Illi d-domandi attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huwa ma kien fl-ebda mod responsabbli ghad-danni allegati;

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Gunju 1989 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Michelang Refalo bhala perit tekniku bl-assistenza ta' Dr. Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fil-25 ta' Ottubru 2000;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda hsarat kawzati fil-proprjeta` ta' l-attur fit-8 ta' Dicembru 1988 meta, waqt maltempata bir-rih qawwi, hajt tal-bricks fuq il-fond 131 Valley Road, B'Kara, waqa' ghal fuq il-fond adjacenti numru 130. Fir-relazzjoni taghhom il-periti gudizzjarji ezaminaw l-imgieba tal-konvenut Chev. Alfred Delia proprio et nomine li kien jiehu hsieb dirett tax-xoghol f'isem l-ghaqda Centru Speranza fl-Inkapacitati, tal-kjamat fil-kawza Emanuel Micallef li bena l-hajt in kwistjoni, u tal-konvenut Perit Joseph Agius Bonello. Huma jaghmlu dawn l-osservazzjonijiet:

"102. Irrizulta li Emanuel Micallef, bhala kontribuzzjoni volontarja intrabat <u>specifikatament</u> li jtella l-hajt hu, u jsaqqaf haddiehor. Di piu' Emanuel Micallef <u>ma kellux</u>

jiehu hsieb hu biex isib lil min isaqqaf izda dan kellu jarah Chev Delia.  Emanuel Micallef wissa wkoll lil dan li l-hajt ma setax jithalla fit-tul bla ma jissahhah permezz tat-tisqif. Chev Delia sab xi diffikulta biex isib lil min isaqqaflu, u Emanuel Micallef ipprova jsiblu lil min jintriga ghal dan, izda xorta ma kellux x'jaqsam mat-tisqif.  Dan sa mill-bidunett.  Ma kienx il-kaz li f'xi hin intriga u mbaghad raga lura u b'hekk irrifaccja lil Chev Delia b'emergenza jew bi problema, inkella krizi.  Ftit tista titkellem minn problema jew krizi meta l-hajt tlesta f'Gunju 1988 u l-incident sehh fit- 08.12.88.  Emanuel Micallef siefer fuq zjara (mhux pjanata mit-tul) fl-Awstralja f'Novembru 1988 u gie lura wara l-incident.  Dan qed jinghad ghax issemmiet diversi drabi z-zjara, izda fil-fatt din iz-zjara ma kellha x'taqsam xejn.  Fil-fehma tal-esponenti Emanuel Micallef ma kellu x'jaqsam xejn u ma kellu ebda responsabbilta ghal dak li gara.

103. Ghal kompletezza jinghad li Micallef ma wera ebda nuqqas meta hu ma rrivolgiex ruhu lejn xi perit ghax-xoghol li ried jaghmel.  Hu kien tas-sengha bizzejjed li sata jahdem wahdu.   Ma kien hemm xejn f'dak li bena li rrikjeda d-direzzjoni ta' perit.  Bini semplici minghajr travi ecc..

104. Jirrizulta indubitament li l-hajt waqa waqt tempesta qalila li kienet tikkomprendi rih qawwi.  Hawn wiehed mill-ewwel hsiebu jmur sfuq il-casus, l-incident jew il-forza magguri kuntemplati fl-art 1029 tal-Kap 16.  Biex wiehed jintrinceja ruhu wara difiza bhal din,  il-hsara trid tkun grat minn fatt mhux mistenni u li jmur 'l hinn mill-prevedibilita' normali.  Wiehed irid ikun ha l-prekawzjonijiet kollha li l-prudenza u l-hsieb tal-bonus paterfamilias juru li huma ndikati, u b'danakollu isehh l-incident. Ma garax hekk, ghax bhala fatt dak il-hajt thalla ghal xhur shah u bix-xitwa diehla bla tisqif minkejja li s-sens komun kien juri l-htiega tat-tisqif u li l-hajt ma jithalliex qisu qlugh u minkejja li l-attenzjoni ta' Delia kienet ingibdet:-

a) apparti t-tiswijiet ta' Emanuel Micallef

b) fuq il-post, wara li nbena l-hajt, kien mar l-AIC Joseph Huntingford f'access in konnessjoni mal-kawza Cit 173/85JSP Ant Saliba vs Chev A. Delia (fejn hu kien nominat perit gudizzjarju) dwar hsarat li sehhu fil-fond 130

tal-attur waqt li kien tiela l-bini fil-fond 131, u f'dik l-okkazjoni l-perit Huntingford gibed l-attenzjoni ta' dawk prezenti ghall-perikolu li kien qed jippresenta dak il-hajt mhux imsaqqaf. Ghal din it-twissija kienu presenti sew l-attur kif ukoll Chev Delia. Il-perit Huntingford (xhieda fis-seduta tad-19.02.90) semma "opramorta" gholja 6/7 piedi, semma "tul" u semma "qlugh".

105. L-attur, in segwitu ghal din it-twissija ma ghamel xejn. U ma kienx mistenni minnu jaghmel xi haga. Apparti l-fatt li l-attur ma kellux x'jaqsam mal-bini u kull obbligu li l-affarijiet isiru sewwa kien jaqa fuq ohrajn (fosthom Chev Delia u ohrajn, li qatt sata jaghmel l-attur hu li jigbed l-attenzjoni ta' Chev Delia. Izda Chev Delia kien qieghed <u>hemm</u> bhall-attur meta tkellem l-Perit Huntingford u l-attur ma kellux xi jzid ma dak li qal il-perit espert f'dik l-okkazjoni.

106. Hawnhekk l-esponenti jhossu li huma ezonerati minn kull responsabbilta' sew il-konvenut Carmelo Penza kif ukoll il-konvenut Joseph Briffa respettivament Segretarju u Vici President tal-Ghaqda. Ghalkemm ix-xoghol sar fuq proprjeta' tal-Ghaqda, l-istess Ghaqda kienet qabbdet lill-AIC Lawrence Gatt, u effettivament halliet f'idejn il-President taghha Chev Delia il-kontroll <u>immedjat u effettivament</u> ta' kollox - persuna li ma kienx hemm xejn x'juri li ma kienx idoneu biex jara li l-affarijiet isiru sewwa. U rrizulta li hu ha hsieb effettiv tant li kien imur fuq il-post kuljum, zgur kull meta kien isir ix-xoghol tant li Emanuel Micallef u ohrajn ilmentaw li meta huma kienu jkunu jahdmu u Chev Delia kien iwarrab xi ftit, dan kien attwalment issakkarhom gewwa!

107. Eskluzi minn kull responsabbilta' l-konvenut Micallef, Penza u Briffa jrid jigi ndagat x'parti kellu jew ma kellux il-perit Joseph Agius Bonello.

108. Dan sostna fuq li sostna, insistentement, li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma dak ix-xoghol u li hu sar jaf bih u zar il-fond <u>biss</u> wara l-incident.

109. X'inhuma l-fatti li jirrizultaw dwar il-perit Agius Bonello?

Jirrizulta dan:-
i) ix-xoghol fil-fond 131 kien originarjament f'idejn il-perit Lawrence Gatt.
ii) Hu ta dominju pubbliku li fl-14.05.87 il-perit Gatt ha l-gurament ta' Ministru ghall-Izvilupp tal-Produzzjoni.
iii) Il-perit J Agius Bonello ha hsieb ix-xoghol tal-perit Gatt u fizikament mar fl-ufficju tieghu. Kien l-uniku perit f'dan l-ufficju. Alfred Balzan kien inginier bla warrant ta' AIC u kien hemm ukoll Arthur Calleja "quantity surveyor".
iv) "ex admissis", il-perit Agius Bonello qatt, qabel l-incident ma mar fil-fond 131 Valley Road, B'Kara.
v) Carmelo Calleja, rappresentant tac-Chairman tal-PAPB xehed hekk:-

"Sussegwentement, intalab permess iehor mill-ufficju tal-Perit Lawrence A. Gatt fuq il-firma tal-perit Joseph Agius Bonello. Din il-pjanta hija talba ghal "proposed third floor". Il-pjanta sottomessa ggib id-data 19 ta' Lulju 1987, liema pjanta mill-file tirrizulta li dahlet fil-file fis-16 ta' Settembru 1987".

vi)Hemm il-pjanta PG l, bil-firma tal-Perit Agius Bonello, pjanta datata 19.07.87.
vi) Meta xehed fis-seduta tal-04.02.91, Oreste Galea, "building inspector", qal li din il-pjanta harget mal-permess tas- 16.05.90.

110. Dwar din il-pjanta DOK PG1 l-esponent l-perit tekniku vverbalizza hekk meta raha fis-seduta tal-05.12.90.

IL-PERIT TEKNIKU qed jinnota li minn din il-pjanta ghat-tul tal-passagg ma hemm ebda hitan divizorji jaqsmu ghall-hajt li waqa u cioe' bejn it-tromba u l-w/shop.

112. Rinfaccjat bil-pjanta DOK PG l, il-perit Agius Bonello ma qalx li l-firma ma kienetx tieghu. Qal li seta ressquhielu u hu kien iffirma u sata ta l-kaz li l-pjanta kienet ga lesta u hu ffirma wara. Ma ssemmiex kemm seta kien dak l-interal. Fil-fatt il-perit Agius Bonello xehed

dwar x'sata gara fit-teorija. Naturalment din mhix xhieda ta' fatt.

113. L-esponenti jsibu inaccettabli l-ispjegazzjoni tal-Perit Agius Bonello. Il-pjanta hi dokument u, bhal fil-kaz ta' kull dokument iehor, dan hu prova tal-kontenut tieghu iktar u iktar meta jkun firmat. Dan jghodd sakemm ma tingiebx prova ohra acettabbli u konvincenti li twaqqa u tirrendi inaccettabli d-dokument. Fil-kaz prezenti s-semplici attitudini ta' ma nafx tal-Perit Agius Bonello mhix prova li ghandha twaqqa dokument.

114. Il-perit Agius Bonello, darba li ffirma dik il-pjanta ma setax ma jkunx jaf bil-konnessjoni tal-ufficju tal-Perit Gatt mal-progett tal-Ghaqda u zgur ma jistax jigi accetat il-fatt li hu qatt ma mar fil-post qabel gara l-incident. Din ta' QATT hi inkredibbli. Kieku l-perit mar darba, tnejn, tlieta, erba……… wiehed kien irid jara x'tip ta' sorveljanza effettiva kien hemm u jekk jew kienx hemm nonkuranza ghall-ordnijiet u direzzjonijiet tieghu.

115. Fil-fehma tal-esponenti hemm ukoll responsabilita, ghal dak li gara billi hu naqas li jara x'kien qed jigri fis-sit in kwistjoni.

116. Wiehed irid jara liema grad ta' htija jgorru Chev Delia u l-Perit Agius Bonello. Meta jitqies l-perikolu ovvju li kien jippresenta dak il-hajt iperper, u meta jitqiesu t-twissijiet li saru lil Chev Delia tempestivament, hu ma jistax jghid li kienet proprju tonqsu t-twissija tal-Perit Agius Bonelo. Ghalhekk hu ghandu jgorr piz ikbar mill-Perit Agius Bonello. Chev Delia ghandu jgorr tliet kwarti tar-responsabbilta' u l-Perit Agius Bonello jgorr kwart."

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha mhux biss dawn l-osservazzjonijiet izda anke t-traskrizzjonijiet tax-xiehda li nghatat u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u waslet ghall-fehma li ma tistax taqbel mal-konkluzjoni tal-periti gudizzjarji li l-konvenut Perit Joseph Agius Bonello ghandu b'xi mod iwiegeb ghal parti mir-responsabbilta`.

Huwa minnu li tezisti kontradizzjoni bejn dak li jghid l-istess Perit dwar meta applika ghal permess biex isiru xoghlijiet fir-raba' sular tal-fond 131 Valley Road, B'Kara, u pjanta (Dok. PG1) datata 19 ta' Lulju 1987 li hija ffirmata minnu u li skond Carmelo Calleja, rapprezentant tac-Chairman ta' l-allura P.A.P.B., dahlet fil-file fis-16 ta' Settembru 1987. Mix-xiehda ta' l-istess Carmelo Calleja pero` jirrizulta li l-permess biex isiru x-xoghlijiet mitluba nhareg fis-16 ta' Mejju 1990. Barra minn hekk, kien biss f'Awissu 1989 li mtliet il-formula ghal meta jinbidel il-perit (Dok. JAB6) fejn il-konvenut Chev. Alfred Delia ddikjara li minn dakinhar 'il quddiem l-Perit Joseph Agius Bonello kien il-persuna responsabbli ghax-xoghlijiet ta' bini fil-fond tal-Ghaqda msemmija.

Ma' dawn il-konsiderazzjonijiet jinghad ukoll li l-Perit Joseph Agius Bonello cahad kategorikament li qatt kien mgharraf dwar ix-xoghlijiet li kienu qeghdin isiru qabel li sehh l-incident u anke li qatt mar fuq is-sit qabel ma sehh l-incident. Il-Qorti tqis dan bhala verosimili stante li ma kienx ghadu hareg il-permess mill-P.A.P.B., li kien hemm sahansitra ittra mis-Segretarju tal-P.A.P.B. lil Chev. Alfred Delia datata 19 ta' Novembru 1987 twissieh biex jieqaf minnufih minn xoghlijiet ta' bini, li Emanuel Micallef stess qal li perit qatt ma ra fuq il-post, li anke Chev. Alfred Delia xehed li l-Perit Agius Bonello mar fuq il-post wara l-incident u li jekk mar qabel huwa ma rahx.

Issir referenza ghal dak li gie deciz mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza tagha fl-ismijiet **Lilian Stilon DePiro pro et noe et vs Henry Ghirlando** moghtija fl-20 ta' Marzu 1962 (Vol. XLVI.iii.746) li *"jekk l-arkitett kellu d-direzzjoni tax-xoghol, filwaqt li x-xoghol kellu jigi ezegwit mill-appaltatur, l-arkitett mhux responsabbli jekk id-difetti huma dovuti unikament ghall-htija tal-appaltatur, ghal xi negligenza da parti tieghu, jew, per ezempju, ghall-imperizja fl-arti tieghu, u ghal xejn mid-direzzjoni tal-arkitett. Jekk id-difetti huma dovuti ghal direzzjoni hazina, allura jirrispondi l-arkitett, purcke` ma jkunx hemm ukoll htija tal-appaltatur; ghaliex dan ma ghandux jezegwixxi direzzjoni li jkun jaf li hija hazina u li sejra tipperikola l-istabbilita` tal-kostruzzjoni; u lanqas ma ghandu japprofitta minn*

*negligenza tal-arkitett u jittrasgredixxi d-dettami tal-arti edilizja; f'liema kaz, l-appaltatur jirrispondi mal-arkitett, kull wiehed minnhom fil-mizura tal-kolpa rispettiva"*.

Fil-kaz in ezami, mhux biss jirrizulta li l-Perit Agius Bonello ma kienx ghadu beda jidderigi x-xoghlijiet, izda jirrizulta inekwivokabilment li x-xoghlijiet kien qieghed jiehu hsiebhom direttament l-imsemmi Chev. Alfred Delia li kien imwissi kemm mill-appaltatur Emanuel Micallef kif ukoll mill-A.I.C. Joseph Huntingford, li kien perit tekniku fi proceduri ohrajn bejn l-attur u l-imsemmi Delia, dwar il-hajt in kwistjoni u dan ma ha l-ebda azzjoni tempestiva biex jevita li tigri hsara, kif fil-fatt gara.

Ghalhekk ghad-danni konsegwenzjali ghandhom iwiegbu kemm il-konvenut Chev. Alfred Delia f'ismu proprju kif ukoll l-ghaqda Centru Speranza fl-Inkapacitati li hija l-proprjetarja tal-fond 131 Valley Road, B'Kara, u dan b'mod solidali.

Dwar id-danni, jirrizulta mix-xiehda ta' l-attur tad-19 ta' Frar 1990 li huwa esebixxa elenku ta' spejjez ga` minnu nkorsi fl-ammont ta' Lm5,736.33 (Dok. Z1 u rcevuti annessi) u stima ta' l-affarijiet li kienu ghad ridu jigu rimpjazzati (Dok. Z2) fl-ammont ta' Lm2,035, total ta' Lm7,771.33. Il-periti gudizzjarji esprimew il-fehma li dan l-ammont "jirrapprezenta korrettement il-quantum ta' danni" u li "ma jsibux raguni ghala m'ghandhomx jaccettaw dak li qed jitlob l-attur fid-Dok. Z1 u fir-rigward tad-Dok. Z2 ghal dan ma ngieb hadd u xejn biex jikkontradicieh".

Il-Qorti taqbel u ghalhekk qed tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm7,771.33.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut A.I.C. Joseph Bonello u tal-kjamat fil-kawza Emanuel Micallef u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi, izda tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti l-ohra kif intqal u ghalhekk:

(1) tiddikjarahom responsabbli solidalment ghall-hsarat sofferti mill-attur fl-incident tat-8 ta' Dicembru 1988,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' sebat elef seba' mija wiehed u sebghin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm7,771.33), u
(3) tikkundanna lill-konvenuti Chev. Alfred Delia u l-ghaqda "Centru Speranza fl-Inkapacitati" jhalsu solidalment bejniethom lill-atturi d-danni hekk likwidati ta' sebat elef seba' mija wiehed u sebghin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm7,771.33).

Bl-ispejjez kontra l-imsemmijin konvenuti sokkombenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------